

Brussell, 30 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

11140/23

ECOFIN 665
UEM 199
SOC 491
EMPL 342
COMPET 686
ENV 765
EDUC 278
RECH 310
ENER 401
JAI 911
GENDER 142
ANTIDISCRIM 136
JEUN 180
SAN 417

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9832/1/23 REV 1
Nru dok. Cion:	COM(2023) 610 final
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 ta' Franza u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 ta' Franza

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif diskuss mill-Kunsill u l-Kunsill Ewropew, abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni COM(2023) 610 final.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 ta' Franza u li tagħti opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 ta' Franza**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet baġitarji u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi², u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

² ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ("il-Faċilità"), daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Il-Faċilità tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti, li jinvolvu impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. F'konformità mal-prijoritajiet tas-Semestru Ewropew, il-Faċilità tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u inklużiv u għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti sostenibbli u li jtejbu t-tkabbir, b'mod partikolari riformi u investimenti biex jipromwovu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u biex jagħmlu l-ekonomiji tal-Istati Membri aktar reżiljenti. Tgħin ukoll biex issaħħaħ il-finanzi pubbliċi u tagħti spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq terminu medju u twil, ittejjeb il-koeżjoni territorjali fl-Unjoni u tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru taħt il-Faċilità ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

³ Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

- (2) Fit-22 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2023, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2023 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Fit-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023, li huma ċċentriati madwar l-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva. Fit-22 ta' Novembru 2022, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2023, li fih identifikat lil Franza bħala wieħed mill-Istati Membri li seta' kien milqut, jew seta' kien f'riskju li jintlaqat, minn żbilanċi, u li dwaru kien meħtieġ rieżami fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll opinjoni dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju tal-2023 ta' Franza. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2023, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro⁴ ("Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar iż-żona tal-euro") fis-16 ta' Mejju 2023 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fit-13 ta' Marzu 2023.
- (3) Filwaqt li l-ekonomiji tal-Unjoni qed juru reżiljenza notevoli, il-kuntest ġeopolitiku għad għandu impatt negattiv. Hekk kif l-Unjoni qed tappoġġa b'mod sod lill-Ukrajna, l-aġenda tal-politika ekonomika u soċjali tal-Unjoni hija ffukata fuq it-tnaqqis tal-impatt negattiv tax-xokkijiet tal-enerġija kemm fuq l-unitajiet domestiċi vulnerabbli kif ukoll fuq id-ditti fuq terminu qasir, u fuq iż-żamma tal-isforzi biex jitwettqu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, jiġi appoġġat it-tkabbir sostenibbli u inklużiv, tiġi salvagwardjata l-istabbiltà makroekonomika u tiżdied ir-reżiljenza fuq terminu medju. Hija tiffoka ħafna wkoll fuq iż-żieda fil-kompetittività u l-produttività tal-UE.

⁴ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2023 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (ĠU C 180, 23.5.2023, p. 1).

- (4) Fl-1 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni bit-titolu "Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti" ("il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku"). L-għan tal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni rapida lejn in-newtralità klimatika. Huwa jikkomplementa l-isforzi li għaddejjin bil-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-REPowerEU. Huwa għandu l-għan ukoll li jipprovdi ambjent li jappoġġa aktar iż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni għat-teknoloġiji u l-prodotti b'emissjonijiet zero netti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri klimatiċi ambizzjużi tal-Unjoni, u biex jiġi żgurat aċċess għal materja prima kritika rilevanti, inkluż bid-diversifikazzjoni tal-akkwist, l-isfruttament kif xieraq tar-riżorsi ġeoloġiċi fl-Istati Membri u l-massimizzazzjoni tar-riċiklaġġ tal-materja prima. Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa bbażat fuq erba' pilastri: ambjent regolatorju prevedibbli u semplifikat, aċċess imħaffef għall-finanzjament, it-titjib tal-ħiliet, u kummerċ miftuħ għal ktajjen tal-provvista reżiljenti. Fis-16 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni bit-titolu "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030", strutturata fuq disa' xpruni li jsaħħu lil xulxin bl-għan li ssir ħidma lejn qafas regolatorju li jsaħħaħ it-tkabbir. Hija tistabbilixxi prijoritajiet ta' politika mmirati biex jiżguraw b'mod attiv titjib strutturali, investiment iffukat tajjeb u miżuri regolatorji għall-kompetittività fit-tul tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt jgħinu biex jiġu indirizzati dawk il-prijoritajiet.

- (5) Fl-2023, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika qed ikompli jevolvi f'konformità mal-implimentazzjoni tal-Faċilità. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tibqa' essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsett sinifikanti minnhom maħruġa f'dawn l-aħħar snin. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019, l-2020 u l-2022 jibqgħu ugwalment rilevanti għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati f'konformità mal-Artikoli 14, 18 u 21 tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (6) Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ ("ir-Regolament REPowerEU"), li ġie adottat fis-27 ta' Frar 2023, għandu l-għan li jipproċedi malajr bl-eliminazzjoni gradwali tad-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili Russi. Dan ser jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija u d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-UE, filwaqt li jżid l-użu tal-enerġija rinnovabbli, il-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika. Ir-Regolament REPowerEU jippermetti lill-Istati Membri jżidu kapitoli ġdid tar-REPowerEU mal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ewlenin li ser jgħinu biex jintlaħqu l-objettivi tar-REPowerEU. Dawk ir-riformi u l-investimenti ser jgħinu wkoll biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni kif deskritt fil-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku u ser jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-enerġija maħruġa lill-Istati Membri fl-2022 u, fejn applikabbli, fl-2023. Ir-Regolament REPowerEU jintroduċi kategorija ġdida ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, li ssir disponibbli għall-Istati Membri sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ġodda relatati mal-enerġija skont il-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza.

⁵ Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1).

(7) Fit-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tipprovdi gwida għall-politika fiskali għall-2024 ("il-komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2023"). Hija għandha l-għan li tappoġġa t-tnejn tal-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tal-Istati Membri u b'hekk issaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politika. Il-Kummissjoni fakkret li l-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ser tiġi diżattivata fi tmiem l-2023. Hija appellat għal politiki fiskali fl-2023-2024 li jiżguraw is-sostenibbiltà tad-dejn fuq terminu medju u li jżidu t-tkabbir potenzjali b'mod sostenibbli u stiednet lill-Istati Membri biex jistabbilixxu fil-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tagħhom tal-2023 kif il-pjanijiet fiskali tagħhom ser jiżguraw li l-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) jiġi rispettati u jiżguraw tnaqqis plawżibbli u kontinwu tad-dejn, jew biex id-dejn jinżamm f'livelli prudenti fit-terminu medju. Il-Kummissjoni stiednet ukoll lill-Istati Membri jeliminaw gradwalment il-miżuri fiskali nazzjonali introdotti biex jiproteġu lill-unitajiet domestiċi u lid-ditti mix-xokk tal-prezz tal-enerġija, u jibdeu bl-inqas miżuri mmirati. Hija indikat li, jekk ikun meħtieġ li l-miżuri ta' appoġġ jiġu estiżi minħabba pressjonijiet tal-prezzijiet tal-enerġija mġedda, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmiraw aħjar tali miżuri lejn unitajiet domestiċi u ditti vulnerabbli. Il-Kummissjoni pproponiet li r-rakkomandazzjonijiet fiskali jkunu kwantifikati u differenzjati. Barra minn hekk, kif propost fil-komunikazzjoni tagħha tad-9 ta' Novembru 2022 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, ir-rakkomandazzjonijiet fiskali jiġu fformulati abbażi tan-nefqa primarja netta. Hija rrakkomandat li l-Istati Membri kollha jkomplu jiproteġu l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali u jiżguraw l-użu effettiv tal-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-oġettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u tar-reżiljenza. Il-Kummissjoni indikat li ser tipproponi lill-Kunsill jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbiegħa tal-2024 abbażi tad-data tal-eżitu għall-2023, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali eżistenti.

- (8) Fis-26 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposti leġiżlattivi biex timplimenta riforma komprensiva tar-regoli tal-governanza ekonomika tal-Unjoni. L-objettiv ċentrali tal-proposti huwa li tissaħħaħ is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku u li jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Istati Membri kollha permezz ta' riformi u investment. Fil-proposti tagħha, il-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb is-sjieda nazzjonali, tissimplifika l-qafas u timxi lejn fokus akbar fuq terminu medju, flimkien ma' infurzar effettiv u aktar koerenti. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2023 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, l-objettiv huwa li l-ħidma leġiżlattiva tiġi konkluża fl-2023.
- (9) Fit-28 ta' April 2021, Franza ppreżentat il-pjan nazzjonali tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V għal dak ir-Regolament. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiegħu dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Franza⁶. Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali jiddependi fuq l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, li tiddikjara li Franza tkun laqgħet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. It-twertiq sodisfaċenti jippresupponi li l-kisba tal-istadji importanti u l-miri preċedenti ma tkunx treġġgħet lura.

⁶ ST 10162/21 INIT; ST 10162/21 ADD 1.

- (10) Fil-11 ta' Mejju 2023, Franza ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2023 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2023, f'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati flimkien. F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali ta' Franza dwar il-progress li sar fil-kisba tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha.
- (11) Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ippubblikat ir-rapport tagħha tal-pajjiż 2023 għal Franza. Hija vvalutat il-progress ta' Franza fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti adottati mill-Kunsill bejn l-2019 u l-2022, u rat fiex waslet l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Franza. Abbażi ta' dik l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika lakuni fir-rigward ta' dawk l-isfidi li mhumiex indirizzati jew li huma indirizzati biss parzjalment mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll sfidi ġodda u emerġenti. Hija vvalutat ukoll il-progress ta' Franza fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

(12) Il-Kummissjoni wettqet analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 għal Franza u ppubblikat ir-riżultati tagħha fl-24 ta' Mejju 2023. Il-Kummissjoni kkonkludiet li Franza qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, il-vulnerabbiltajiet relatati mad-dejn għoli tal-gvern, il-kompetittività u t-tkabbir baxx tal-produttività, li għandhom rilevanza transfruntiera, għadhom jippersistu minkejja xi sinjali ta' tnaqqis. Id-dejn tal-gvern ilu jonqos mill-irkupru fil-PDG fl-2021, wara żieda matul il-pandemija tal-COVID-19. Fl-2022 diversi miżuri fiskali taffew l-impatt tal-kriżi tal-enerġija b'mod sinifikanti iżda naqqsu r-ritmu tat-tnaqqis tad-dejn. Id-dejn huwa mbassar li jkompli jonqos din is-sena u s-sena d-dieħla, iżda wara huwa pprojetat li jerġa' jaqbad xejra 'l fuq fin-nuqqas ta' azzjoni politika u li jibqa' għoli u oġhla mil-livelli ta' qabel il-pandemija tal-COVID-19. L-isfidi tas-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju jibqgħu għoljin. Il-miżuri ta' politika li ttieħdu f'dawn l-aħħar snin bil-għan li jsaħħu t-tkabbir potenzjali jistgħu jgħinu biex jikkoreġu ż-żieda pprojetata fid-dejn pubbliku fit-terminu medju. Ġew adottati diversi riformi biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-kostijiet. Diġà jidher effett pożittiv żgħir fuq il-kompetittività, u l-impatt sħiħ ta' dawk ir-riformi huwa mistenni li jimmaterializza matul is-snin li ġejjin. Bl-istess mod, il-produttività tax-xogħol hija mistennija li tibbenefika mill-implimentazzjoni effettiva tal-investimenti u r-riformi ppjanati. Matul l-aħħar sena l-ekonomija Franċiża wriet reżiljenza billi l-kompetittività tal-kostijiet kienet inqas affettwata minn żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija milli fil-bqija taż-Żona tal-Euro. L-esportazzjonijiet qed jitjiebu minħabba l-irkupru ulterjuri tat-turiżmu transfruntier u tal-industrija tal-inġenji tal-ajru, li kienu affettwati ħafna mill-pandemija tal-COVID-19. Filwaqt li d-dejn tas-settur privat żdied matul l-aġar tal-pandemija tal-COVID-19, self korporattiv oġhla mar id f'id ma' żidiet fl-ekwità u akkumulazzjoni ta' riżervi ta' likwidità. Rati tal-imgħax oġhla jistgħu jagħmlu t-tnaqqis tad-dejn pubbliku u privat aktar diffiċli. Ir-rispons ta' politika kien favorevoli, iżda għad hemm diffikultajiet relatati mal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi. L-implimentazzjoni effettiva tar-riformi adottati dan l-aħħar għadha fundamentali biex ikomplu jitnaqqsu l-vulnerabbiltajiet, jiġifieri r-riforma tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u l-mekkaniżmu l-ġdid biex jitwettqu evalwazzjonijiet annwali tal-infiq pubbliku. Iż-żewġ azzjonijiet huma kruċjali biex jitkompla jitrażżan l-infiq u jinżamm id-dejn pubbliku fuq xejra ta' tnaqqis. Barra minn hekk, il-gvern adotta riforma tas-sistema tal-pensjonijiet pubbliċi li mistennija tgħin is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku.

- (13) Skont id-data vvalidata mill-Eurostat, id-defiċit tal-gvern estiż ta' Franza naqas minn 6.5 % tal-PDG fl-2021 għal 4.7 % fl-2022, filwaqt li d-dejn tal-gvern estiż naqas minn 112.9 % tal-PDG fi tmiem l-2021 għal 111.6 % fi tmiem l-2022. Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ħarġet rapport skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat. Dak ir-rapport eżamina s-sitwazzjoni baġitarja ta' Franza, billi d-defiċit tal-gvern estiż tagħha fl-2022 qabeż il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG stabbilit fit-Trattat, filwaqt li d-dejn tal-gvern estiż tagħha qabeż il-valur referenzjarju ta' 60 % tal-PDG stabbilit fit-Trattat u ma rrispettax il-valur referenzjali tat-tnaqqis tad-dejn. Ir-rapport ikkonkluda li l-kriterji tad-defiċit u tad-dejn ma ġewx issodisfati. Barra minn hekk, f'konformità mal-komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ma pproponietx li tiftaħ proċeduri ġodda ta' defiċit eċċessiv fir-rebbiegħa tal-2023. Il-Kummissjoni ddikjarat sussegwentement li kienet ser tipproponi lill-Kunsill biex jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbiegħa 2024, abbażi tad-data tal-eżitu għall-2023. Jenħtieġ li Franza tqis dan fl-eżekuzzjoni tal-baġit tagħha għall-2023 u fit-tnejn tal-abbozz ta' pjan baġitarju għall-2024.

- (14) Il-bilanċ tal-gvern estiż intlaqat mill-miżuri ta' politika fiskali li ttieħdu biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Fl-2022, miżuri bħal dawn li jnaqqsu d-dħul tal-politika fiskali kienu jinkludu t-tnaqqis tat-taxxa domestika fuq il-konsum finali tal-elettriku (*taxe intérieure sur le consommation finale d'électricité* jew TICFE), filwaqt li miżuri bħal dawn li jżidu l-infiq tal-politika fiskali kienu jinkludu sussidji diretti biex jikkumpensaw lill-fornituri tal-gass u tal-elettriku għal-limitu massimu fuq il-prezzijiet regolati tal-gass u tal-elettriku, sussidji biex jillimitaw iż-żieda fil-prezzijiet tal-fjuwil għat-trasport bl-immnut u għal intrapriżi intensivi fl-enerġija, u trasferimenti lil unitajiet domestiċi b'introjtu baxx. Il-kost ta' dawk il-miżuri kien ikkumpensat parzjalment minn taxxi ġodda fuq il-profitti mhux mistennija tal-produtturi u l-fornituri tal-enerġija, jiġifieri taxxa ta' solidarjetà eċċezzjonali fuq il-kumpaniji tal-fjuwils fossili u tar-raffinar u mekkaniżmu biex jiġi limitat id-dħul inframarġinali tas-suq mill-ġenerazzjoni tal-elettriku, kif ukoll dħul indirett mit-taxxa minn produtturi tal-enerġija rinnovabbli u s-sussidji aktar baxxi li ngħatawllhom, li jirriżultaw mid-distakk pożittiv bejn is-suq u l-prezzijiet tal-elettriku ta' referenza. Il-Kummissjoni tistma l-kost baġitarju net ta' dawk il-miżuri fil-livell ta' 0.9 % tal-PDG fl-2022. Fl-istess ħin, il-kost stmat tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 naqas għal 0.5 % tal-PDG fl-2022, minn 2.6 % fl-2021.
- (15) Fit-18 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill irrakkomanda li fl-2022 Franza⁷ tuża l-Faċilità biex tiffinanzja investiment addizzjonali b'appoġġ għall-irkupru, filwaqt li ssegwi politika fiskali prudenti. Barra minn hekk, il-Kunsill irrakkomanda li Franza tippreserva l-investiment ifffinanzjat fil-livell nazzjonali.

⁷ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2021 ta' Franza (ĠU C 304, 29.7.2021, p. 43).

(16) Skont l-istimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali⁸ fl-2022 kienet espansjonarja, fil-livell ta' -2.0 % tal-PDG. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, Franza kompliet tappoġġa l-irkupru b'investimenti ffinanzjati mill-Faċilità. In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni ammontat għal 0.6 % tal-PDG fl-2022 (0.7 % tal-PDG fl-2021). It-tnaqqis marġinali fin-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet tal-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni fl-2022 kien dovut għall-implimentazzjoni antiċipata tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza matul l-ewwel sentejn tiegħu. L-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali pprova kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0.1 punt perċentwali għall-pożizzjoni fiskali⁹. Għalhekk, Franza żammet l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali, kif irrakkomandat mill-Kunsill. Fl-istess ħin, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali (nett minn miżuri ġodda ta' dħul) tat kontribuzzjoni espansjonarja ta' 1.7 punti perċentwali għall-pożizzjoni fiskali. Dik il-kontribuzzjoni espansjonarja sinifikanti kienet tinkludi l-impatt addizzjonali tal-miżuri tal-politika fiskali li ttieħdu biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija (kost baġitarju nett addizzjonali ta' 0.8 % tal-PDG). Fl-istess ħin, l-indiċjar tal-pensjonijiet, il-benefiċċji soċjali u l-pagi pubbliċi kkontribwew ukoll (0.4 % tal-PDG) għat-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja netta. Għalhekk, Franza ma llimitatx it-tkabbir fin-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali biżżejjed. Il-kontribuzzjoni espansjonarja sinifikanti tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali kienet dovuta biss parzjalment għall-miżuri biex jiġi indirizzat l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, kif ukoll l-ispejjeż biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna.

⁸ Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala l-bidla fin-nefqa primarja (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji), bl-esklużjoni tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 iżda li tinkludi n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, meta mqabbla mat-tkabbir potenzjali fuq terminu medju. Għal aktar dettalji ara l-Kaxxa 1 fit-Tabelli Statistiċi Fiskali.

⁹ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata fil-livell nazzjonali hija proġettata li ttipprova kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0.3 punti perċentwali tal-PDG, prinċipalment spjegata bl-impatt tat-trasferimenti kapitali mħallsa fil-kuntest tal-pjan għall-irkupru Franċiż, (*France Relance*), mhux iffinanzjati minn għotjiet taħt il-Faċilità.

- (17) Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Stabbiltà 2023 huwa aktar favorevoli mit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għall-2023 u minn hemm 'il quddiem. Il-Gvern jipprojetta li l-PDG reali jikber b'1.0 % fl-2023 u b'1.6 % fl-2024. B'paragun ma' dan, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta tkabbir tal-PDG reali aktar baxx ta' 0.7 % fl-2023 u 1.4 % fl-2024, prinċipalment minħabba kontribuzzjonijiet aktar baxxi għat-tkabbir tad-domanda domestika fl-2023, li jirriżultaw mill-formazzjoni grossa tal-kapital fiss u l-inventarji, u tad-domanda esterna fl-2024.
- (18) Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2023, il-gvern jistenna li d-defiċit tal-gvern estiż ser jiżdied għal 4.9 % tal-PDG fl-2023. Iż-żieda fl-2023 tirrifletti prinċipalment it-tnaqqis fir-ritmu tal-attività ekonomika u t-tnaqqis mistenni fid-dħul. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jiżdied minn 111.6 % fi tmiem l-2022 għal 109.6 % fi tmiem l-2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 4.7 % tal-PDG għall-2023. Dan huwa aktar baxx mid-defiċit previst fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, prinċipalment minħabba elastiċità ogħla tat-taxxa mistennija mill-Kummissjoni, li twassal għal dħul ogħla. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon simili tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż, ta' 109.6 % fi tmiem l-2023.

(19) Il-bilanċ tal-gvern estiż fl-2023 huwa mistenni li jkompli jiġi affettwat mill-miżuri tal-politika fiskali meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Dawn jikkonsistu f'miżuri estiżi mill-2022, b'mod partikolari t-tnaqqis fit-TICFE u s-sussidji diretti biex jikkompensaw lill-fornituri tal-gass u tal-elettriku għal-limitu massimu fuq il-prezzijiet regolati tal-gass u tal-elettriku, kif ukoll miżuri ġodda bħall-vawċer tal-fjuwil tat-trasport ittestjat skont il-mezzi (*chèque carburant*) għal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, li jissostitwixxi r-ribass ġeneralizzat applikat fl-2022, u s-sussidji lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju li ma jibbenefikawx minn tariffi regolati tal-elettriku, biex ikopru ż-żieda fil-kont tal-enerġija sa tmiem l-2023. Il-kost ta' daww il-miżuri għadu kkompensat parzjalment minn taxxi ġodda fuq il-profitti mhux mistennija tal-produtturi u l-fornituri tal-enerġija, jiġifieri mekkaniżmu biex jiġi limitat li jillimita d-dħul inframarġinali tas-suq mill-ġenerazzjoni tal-elettriku, kif ukoll dħul indirett mit-taxxa minn produtturi tal-enerġija rinnovabbli u s-sussidji aktar baxxi li ngħatawllhom, li jirriżultaw mid-distakk pożittiv bejn is-suq u l-prezzijiet tal-elettriku ta' referenza. Meta jitqies dak id-dħul, il-kost baġitarju nett tal-miżuri ta' appoġġ huwa pprojettat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għal 1.0 % tal-PDG fl-2023¹⁰. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri fl-2023 ma jidhrux li huma mmirati lejn l-unitajiet domestiċi jew id-ditti l-aktar vulnerabbli, u ma jippreservawx bis-sħiħ is-sinjali tal-prezz biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiżdied l-effiċjenza enerġetika, minkejja li għolew il-limiti massimi tal-prezz fuq l-elettriku u l-gass għall-unitajiet domestiċi. B'riżultat ta' dan, l-ammont ta' miżuri ta' appoġġ immirati, li għandhom jitqiesu fil-valutazzjoni tal-konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022¹¹, huwa stmat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għal 0.2 % tal-PDG fl-2023 (meta mqabbel maż-0.1 % tal-PDG fl-2022). Fl-aħħar nett, il-bilanċ tal-gvern estiż fl-2023 huwa mistenni li jibbenefika mit-tneħħija gradwali tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19, li ġew stmati għal 0.5 % tal-PDG.

¹⁰ Dik iċ-ċifra tirrappreżenta l-livell tal-kost baġitarju annwali ta' daww il-miżuri, inkluż id-dħul u n-nefqa kurrenti kif ukoll, fejn rilevanti, il-miżuri tan-nefqa kapitali.

¹¹ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 ta' Franza (ĠU C 334, 1.9.2022, p. 79).

(20) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2022, il-Kunsill irrakkomanda li Franza tiżgura politika fiskali prudenti fl-2023, b'mod partikolari billi tillimita t-tkabbir tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata nazzjonalment għal taħt it-tkabbir tal-output potenzjali fuq terminu medju¹², filwaqt li tqis it-tkomplija tal-appoġġ temporanju u mmirat għall-unitajiet domestiċi u għad-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għan-nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna. Fl-istess ħin, Franza għandha tkun lesta li taġġusta l-infiq attwali għas-sitwazzjoni li qed tevolvi. Għe rakkomandat lil Franza wkoll biex tespandi l-investment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija filwaqt li tqis l-inizjattiva REPowerEU, inkluż billi tagħmel użu mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni.

¹² Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni, it-tkabbir potenzjali tal-produzzjoni fuq terminu medju (medja ta' 10 snin) ta' Franza huwa stmat f'livell ta' 6.3 % f'termini nominali.

(21) Fl-2023, il-pożizzjoni fiskali hija pprojetjata fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni li tkun restrittiva (+0.5 % tal-PDG), f'kuntest ta' inflazzjoni għolja. Dan isegwi pożizzjoni fiskali espansjonarja fl-2022 (-2.0 % tal-PDG). It-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali (nett minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji) fl-2023 huwa pprojettat li jipprovdi kontribuzzjoni restrittiva ta' 0.6 % tal-PDG għall-pożizzjoni fiskali. Dan jinkludi l-kost miżjud tal-miżuri ta' appoġġ immirati għall-unitajiet domestiċi u għadditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija b'0.1 % tal-PDG. Fil-qosor, it-tkabbir ipprojettat tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali huwa konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022. In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni kienet tammonta għal 0.4 % tal-PDG fl-2023, filwaqt li l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali pprovda kontribuzzjoni newtrali għall-pożizzjoni fiskali¹³. Għalhekk, Franza qed tippjana li tiffinanzja investiment addizzjonali permezz tal-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, u qed tippjana li tippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Qed tippjana li tiffinanzja l-investiment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija, bħal investimenti skont il-pjan ta' investiment France 2030 biex jitravwem l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp tal-oġhla livell ta' żvilupp tekniku u fl-isferi diġitali, kif ukoll investimenti fl-enerġija rinnovabbli fis-sistemi tat-tisħin u r-rinnovazzjoni ta' bini pubbliku u privat, miżuri li jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, investimenti fit-trasport sostenibbli, is-saħħa u l-edukazzjoni, li huma parzjalment iffinanzjati mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni.

¹³ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata fil-livell nazzjonali hija projettata li tipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0.3 punti perċentwali tal-PDG, prinċipalment spjegata bl-impatt tat-trasferimenti kapitali mħallsa fil-kuntest tal-pjan għall-irkupru Franċiż, (*France Relance*), mhux iffinanzjati minn għotjiet taħt il-Faċilità, u tal-pjan ta' investiment France 2030.

- (22) Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos għal 4.4 % tal-PDG fl-2024. It-tnaqqis fl-2024 jirrifletti prinċipalment l-irtirar tal-biċċa l-kbira tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija, flimkien ma' elastiċitajiet oġhla tat-taxxa. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jibqa' ġeneralment stabbli għal 109.5 % fi tmiem l-2024. Abbażi tal-miżuri politiċi magħrufa fid-data tal-għeluq tat-tbassir, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 4.3 % tal-PDG fl-2024. Dan huwa aktar baxx mid-defiċit previst fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, prinċipalment minħabba effett bażi li ġej minn defiċit diġà aktar baxx tbassar mill-Kummissjoni għall-2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon simili tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż ta' 109.5 % fi tmiem l-2024.
- (23) Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 jipprevedi t-tneħħija gradwali tal-biċċa l-kbira mill-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija fl-2024. Il-Kummissjoni bħalissa tassumi l-ispiża netta tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija għal 0.2 % tal-PDG fl-2024. Dawk l-istimi huma bbażati fuq is-suppożizzjoni li ma jkunx hemm żidiet ġodda fil-prezzijiet tal-enerġija. Il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija li bħalissa huma ppjanati li jibqgħu fis-seħħ fl-2024 ma jidhrux li huma mmirati lejn unitajiet domestiċi jew ditti vulnerabbli. Dawn ma jippreservawx bis-sħiħ is-sinjali tal-prezz biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tizzied l-effiċjenza fl-enerġija.

- (24) Ir-Regolament (KE) Nru 1466/97 jitlob titjib annwali fil-bilanċ tal-baġit strutturali lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju b'0.5 % tal-PDG bħala punt ta' riferiment¹⁴. Meta jitqiesu konsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà fiskali u l-ħtieġa li d-defiċit jitnaqqas għal taħt il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat, skont il-Kummissjoni jkun xieraq titjib fil-bilanċ strutturali ta' mill-inqas 0.7 % tal-PDG għall-2024. Biex jiġi żgurat tali titjib, u f'konformità mal-metodoloġija tal-Kummissjoni, it-tkabbir fin-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali¹⁵ fl-2024 jenħtieġ li ma jaqbiżx 2.3 %, kif rifless f'din ir-Rakkomandazzjoni. Fl-istess ħin, il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija li jifdal (attwalment stmati mill-Kummissjoni għal 1.0 % tal-PDG fl-2023) jenħtieġ li jitneħħew gradwalment, jekk l-iżviluppi tas-suq tal-enerġija jippermettu li dan isir u l-ewwel għandhom ikunu l-miżuri l-inqas immirati, u l-iffrankar relatat jenħtieġ li jintuża biex jitnaqqas id-defiċit tal-gvern. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, dan iwassal għal tkabbir fin-nefqa primarja netta aktar baxx minn dak irrakkomandat għall-2024.
- (25) Jekk wieħed jassumi li l-politiki ma jinbidlux, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta li n-nefqa primarja netta ffinanzjata nazzjonalment tikber għal 3.1 % fl-2024, li hija oġhla mir-rata ta' tkabbir rakkomandata. L-aġġustament ipprojettat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni huwa inqas mill-iffrankar mit-tneħħija gradwali sħiħa tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija. Dan huwa dovut għal żieda fl-investimenti taħt il-programm France 2030 u l-irtirar sħiħ tat-taxxa tal-produzzjoni fuq il-valur miżjud tad-ditti.

¹⁴ L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 jirrikjedi wkoll aġġustament ta' aktar minn 0.5 % tal-PDG għall-Istati Membri b'dejn tal-gvern li jaqbeż is-60 % tal-PDG, jew b'riskji aktar evidenti għas-sostenibbiltà tad-dejn.

¹⁵ In-nefqa primarja netta hija definita bħala nefqa ffinanzjata fil-livell nazzjonali netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji u bl-esklużjoni tal-infiq fuq l-imgħax kif ukoll l-infiq ċikliku fuq il-qgħad.

(26) Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, l-investiment tal-gvern huwa mistenni li jibqa' stabbli għal 3.8 % tal-PDG bejn l-2023 u l-2024. Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 jirreferi għal riformi u investimenti li huma mistennija jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà fiskali u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv. Dawk ir-riformi u investimenti jinkludu riforma tal-governanza tal-finanzi pubbliċi u mekkaniżmu ġdid ta' rieżami tal-infiq, riformi tas-sistema tal-pensjonijiet u tal-benefiċċji tal-qgħad, kif ukoll investimenti biex jitrawmu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, li huma wkoll parti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 jiddeskrivi perkors fiskali fuq terminu medju sal-2027. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, id-defiċit tal-gvern estiż mistenni li jonqos gradwalment għal 3.7 % tal-PDG fl-2025, u għal 3.2 % fl-2026 u 2.7 % sal-2027. Għaldaqstant, id-defiċit tal-gvern estiż huwa ppjanat li jonqos għal taħt it-3 % tal-PDG fl-2027. Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos minn 109.5 % fi tmiem l-2024 għal 108.3 % sa tmiem l-2027.

(27) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-kriterju 2.2 tal-Anness V għal dak ir-Regolament, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li għandhom jiġu implimentati sal-2026. L-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Franza tinsab għaddejja. Franza ppreżentat talba waħda għal pagament, li tikkorrispondi għal 38-il stadju importanti u mira fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u li tirriżulta fi żborż ġenerali ta' EUR 7 400 000. L-istadji importanti jirriflettu l-progress fl-implimentazzjoni tar-riformi fl-oqsma tal-finanzi pubbliċi, l-akkomodazzjoni, il-mobbiltà, l-impjiegi, il-ħiliet u s-saħħa. Diversi miri jirriflettu investimenti kbar fl-oqsma tar-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini, id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, il-vetturi nodfa, ir-riċerka, l-impjieg taż-żgħażaġħ, u l-edukazzjoni. Fl-20 ta' April 2023, Franza ppreżentat emenda għall-pjan ta' rkupru u reżiljenza tagħha, inkluż kapitolu dwar REPowerEU. It-talba ta' Franza biex timmodifika l-pjan tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza hija bbażata fuq il-ħtieġa li tqis l-inflazzjoni għolja tal-2022, it-tfixkil fil-katina tal-provvista u r-reviżjoni 'l isfel tal-allokazzjoni massima tal-għotjiet tal-Faċilità. L-inklużjoni tal-kapitolu REPowerEU il-ġdid fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ser tippermetti li jiġu ffinanzjati riformi u investimenti addizzjonali b'appoġġ għall-oġettivi strateġiċi ta' Franza fil-qasam tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika. L-involviment sistematiku u effettiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, tas-sħab soċjali u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll ta' politiki ekonomiċi u tal-impjiegi oħra li jmorru lil hinn minn dak il-pjan, sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa tal-aġenda ta' politika ġenerali.

- (28) Il-Kummissjoni approvat il-biċċa l-kbira tad-dokumenti ta' programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni ta' Franza fl-2022 ħlief għall-programm Saint-Martin, li ġie adottat fl-20 ta' Marzu 2023. It-tkomplija tal-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni b'komplementarjetà u sinerġija mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż il-Kapitolu REPowerEU, hija kruċjali biex tinkiseb it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, tiżdied ir-reżiljenza ekonomika u soċjali u jinkiseb żvilupp territorjali bbilanċjat fi Franza.
- (29) Lil hinn mill-isfidi ekonomiċi u soċjali indirizzati mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni, Franza qed tiffaċċa għadd ta' sfidi addizzjonali relatati man-nuqqas ta' ħiliet u inugwaljanzi fis-sistema edukattiva, mal-politika tal-enerġija u mat-tranżizzjoni ekoloġika. L-indirizzar ta' dawk l-isfidi jista' jgħin biex tingħata spinta lill-ħiliet tal-ħaddiema, tiżdied il-produttività tax-xogħol, in-negozji Franċiżi jsiru aktar effiċjenti fl-enerġija, u b'hekk l-ekonomija Franċiża ssir aktar kompetittiva b'mod ġenerali.
- (30) In-nuqqas ta' ħaddiema għadu għoli fi Franza. Skont l-istħarriġ tal-2023 dwar il-ħtiġijiet tal-forza tax-xogħol (imwettaq minn *Pôle Emploi*), fl-2023 61 % ta' min iħaddem jantiċipaw aktar diffikultajiet relatati mal-reklutaġġ fl-2023, b'mod partikolari għal ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati fil-kostruzzjoni u fl-industrija – żewġ setturi affettwati serjament mit-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. F'dawn l-aħħar snin, Franza tat spinta lill-investiment fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, bl-appoġġ parzjali tal-Faċilità. Madankollu, l-evalwazzjonijiet juru li għad hemm diversi ostakli għat-titjib tal-ħiliet ta' dawk b'livell baxx ta' ħiliet, li jdgħajjef l-effettività ta' programmi mmirati bħall-pjan ta' investiment fil-ħiliet. Għalkemm qed tiżdied, il-parteciċipazzjoni ta' ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet fit-taħriġ għadha ħafna aktar baxxa minn dik ta' ħaddiema oħra, u dawn għandhom it-tendenza li jibbenefikaw inqas minn taħriġ li jwassal għal kwalifika. Dan jissuġġerixxi li t-tnaqqis ulterjuri fl-għadd ta' zghażaġh li jidħlu fis-suq tax-xogħol b'ħiliet u kwalifiki bażiċi insuffiċjenti jenħteġ li jibqa' prijorità tas-sistema edukattiva.

- (31) Minkejja livell ta' nfiq pubbliku ogħla mill-medja tal-OECD u eżiti tajbin b'mod ġenerali, is-sistema edukattiva Franċiża hija kkaratterizzata minn sehem sinifikanti ta' dawk li jiksbu rizzultati baxxi, u l-isfond soċjoekonomiku għadu jipprevedi tajjeb ferm il-prestazzjoni tal-istudenti. In-nuqqas ta' kisbiet u l-inugwaljanzi fil-ħiliet miksuba fil-matematika għadhom ta' tħassib partikolari. Skont stħarriġ nazżjonali u internazżjonali, il-prestazzjoni medja fil-matematika fi Franza matul l-aħħar 30 sena naqset b'mod kostanti. Ittieħdu xi passi biex tissaħħaħ il-kisba tal-ħiliet bażiċi, inkluż billi jissaħħaħ it-taħriġ kontinwu tal-għalliema fil-matematika u l-Franċiż li nbeda fl-2019, u billi mis-sena skolastika 2023/24 żdied modulu ta' appoġġ ta' siegħa fil-matematika u l-Franċiż mal-ewwel sena tal-iskola sekondarja. Il-pjan biex id-daqsijiet tal-klassi fil-grad primarju u sekondarju jitnaqqsu bin-nofs fi skejjel pubbliċi preprimarji u primarji żvantaġġati kważi tlesta u l-impatt fit-tul fuq l-eżiti tat-tagħlim tat-300 000 student ikkonċernat qed jiġi vvalutat. Madankollu, sehem sostanzjali ta' studenti żvantaġġati, barra miż-żoni ta' prijorià, ma jibbenefikawx minnu. Minkejja l-investimenti u l-progress għad fadal sfidi oħrajn marbuta mal-aċċess tat-tfal tal-iskola u l-istudenti b'diżabilità għas-sistema edukattiva ġenerali.
- (32) Fl-2022 Franza kompliet tinvesti fis-sistema ta' apprendistat, u f'faktar għażliet ta' tagħlim ibbażati fuq ix-xogħol, bħar-riforma tat-taħriġ vokazzjonali fl-iskejjel sekondarji. Filwaqt li dawk il-miżuri jista' jkollhom eżitu pożittiv, l-impatt tagħhom għad irid jinħass u jeħtieġ involviment akbar min-naħa tal-professjonisti u tal-għalliema fit-tfassil tal-programmi. Minkejja l-miżuri biex jittejbu l-kundizzjonijiet tat-tagħlim, inkluż żieda fil-pagi tal-għalliema, għad hemm tħassib dwar l-attraenza tal-professjoni tat-tagħlim u s-sehem għoli ta' persunal kuntrattwali, li spiss ikollu livelli aktar baxxi ta' kwalifiki u esperjenza mill-persunal permanenti u aċċess insuffiċjenti għal opportunitajiet ta' taħriġ. B'mod ġenerali, il-proporzjon bejn l-għalliema u l-istudenti għadu fost l-ogħla fl-Unjoni.

(33) It-taħlita tal-enerġija Franċiża hija inqas dipendenti fuq il-fjuwils fossili minn Stati Membri oħra, għalkemm għadha dipendenti fuq il-fjuwils fossili importati. Il-konsum tal-gass naturali ta' Franza naqas b'16 % fil-perjodu bejn Awwissu 2022 u Marzu 2023, meta mqabbel mal-konsum medju tal-gass matul l-istess perjodu fil-ħames snin preċedenti, lil hinn mill-mira ta' tnaqqis ta' 15 % stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369¹⁶. Franza hija mħeġġa tkompli bl-isforzi tagħha biex tnaqqas temporanjament id-domanda għall-gass sal-31 ta' Marzu 2024 skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/706¹⁷. Is-sitwazzjoni ġeopolitika attwali u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija qed iżidu l-urġenza biex Franza tkompli żżid l-isforzi tagħha biex tilħaq il-miri tal-enerġija rinnovabbli stabbiliti fil-pjan nazzjonali tagħha għall-enerġija u l-klima. Bi 19.1 % tal-konsum finali gross tal-enerġija bl-enerġija rinnovabbli, Franza ma laħqitx il-mira tagħha ta' 23 % ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli għall-2020. Lanqas ma tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tagħha għall-enerġija rinnovabbli għall-2030 u għadha lura fl-użu tal-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari fil-produzzjoni tal-elettriku u t-tisħin. L-użu rapidu ta' sorsi rinnovabbli bħall-enerġija solari u mir-riħ jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija u d-diversifikazzjoni tal-provvista ta' Franza, billi jitnaqqas l-użu tal-fjuwils fossili. Ir-rata baxxa tal-użu tal-enerġija rinnovabbli tista' tiġi spjegata permezz ta' proċeduri amministrattivi kajmani u kkumplikati relatati mal-permessi. Id-dewmien fl-għoti ta' permessi għat-teknoloġiji kollha (l-enerġija eolika fuq l-art u lil hinn mill-kosta kif ukoll l-enerġija solari) huwa marbut ma' nuqqas ta' appoġġ politiku għall-proġetti, ippjanar inadegwat u proċeduri twal u kumplessi fl-għoti ta' permessi. Hemm ukoll aċċettazzjoni pubblika u sfidi legali li joħolqu inċertezza għall-investituri u l-iżviluppaturi. Il-proċess tal-permessi jista' jiġi aċċellerat jekk jiġu allokatu aktar persunal u riżorsi finanzjarji fl-amministrazzjoni ċentrali fil-livelli reġjonali kif ukoll fl-awtoritajiet rilevanti u l-operaturi tal-grilja. It-titjib tal-proċeduri ta' ppjanar spazjali u l-applikazzjoni aktar rapida tal-proċeduri tal-offerti wkoll huma kruċjali biex tiġi żgurata l-installazzjoni ta' proġetti rinnovabbli.

¹⁶ Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369 tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass (ĠU L 206, 8.8.2022, p. 1)

¹⁷ Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/706 tat-30 ta' Marzu 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2022/1369 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu tat-tnaqqis fid-domanda għall-miżuri tat-tnaqqis fid-domanda tal-gass, u t-tisħiħ tar-rapportar u tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom (ĠU L 93, 31.3.2023, p. 1).

Fl-2023 Franza adottat liġi dwar l-aċċellerazzjoni tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, li tirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġu żviluppati b'mod konsiderevoli s-sħana u l-gass rinnovabbli u jiżdied is-sehem tal-elettriku rinnovabbli sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet dejjem akbar tal-eletrifikazzjoni tal-użu. Jekk tiġi implimentata kif xieraq, dik il-liġi tista' twassal l-introduzzjoni aktar mgħaġġla ta' proġetti rinnovabbli. Dan jista' jpoġġi lil Franza fit-triq biex tilħaq l-oġġettivi tal-2030.

- (34) Sabiex il-livell ta' interkonnnessjoni tagħha jingiebb għall-mira ta' 10 % għall-2020, aktar appoġġ għall-interkonnnetturi transfruntiera tal-elettriku (li qed jiġu żviluppati jew ippjanati) jibqa' ta' importanza kruċjali għall-integrazzjoni ta' ishma kbar ta' enerġija rinnovabbli. Il-forniment minn qabel tal-investiment f'infrastruttura tal-enerġija, kemm domestika kif ukoll transfruntiera, ser jgħin biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u b'mod partikolari l-gass Russu. Qed issir ir-rakkomandazzjoni biex, fejn possibbli, l-investimenti ġodda fl-infrastruttura u fin-network ikunu jgħoddu għall-futur sabiex jiffaċilitaw is-sostenibbiltà fit-tul tagħhom permezz ta' adattament futur għal fjuwils sostenibbli. L-interkonnnessjonijiet huma kruċjali għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern tal-enerġija billi jinġabru flimkien ir-riżorsi biex tinkiseb is-sigurtà ġenerali tal-provvista.
- (35) Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Franza fih proġetti kbar fir-rinnovazzjoni tal-bini, kemm għall-akkomodazzjoni soċjali u individwali, kif ukoll għall-bini pubbliku u għan-negozji iżgħar. Dwar ir-rinnovazzjoni ta' bini residenzjali, il-biċċa l-kbira tal-proġetti ffukaw fuq xogħlijiet fi stadju wieħed, li wasslu għal rinnovazzjonijiet limitati. Fl-ewwel nofs tal-2022, kienu biss 27 % tax-xogħlijiet li kienu jinkludu mill-inqas żewġ stadji ta' rinnovazzjoni, u 5 % biss kienu rinnovazzjonijiet totali. Rinnovazzjonijiet estensivi jista' jkollhom impatt kbir fuq it-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija fis-settur tal-bini. Barra minn hekk, jekk isiru sforzi akbar biex l-investiment pubbliku u privat jiġi dirett lejn l-għajnuna lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx għar-rinnovazzjoni tal-bini u l-istokk tal-bini bl-aġar rendiment fl-użu tal-enerġija, dan jista' jgħin biex sal-2030 ma jibqgħux jeżistu l-aktar 5.2 miljun abitazzjoni ineffiċjenti fl-enerġija (akkomodazzjoni bi klassifikazzjoni tal-effiċjenza enerġetika ta' F u G). Il-Liġi tal-2021 dwar il-Klima u r-Reżiljenza introduċiet diversi miżuri biex tinċentivizza r-rinnovazzjoni estensiva tal-bini, bħall-projbizzjoni ta' akkomodazzjoni għall-kiri bi klassifikazzjoni tal-effiċjenza enerġetika ta' G mill-2025, F mill-2028 u E mill-2034. Biex jitħeġġu kisbiet aktar sinifikanti fl-effiċjenza enerġetika, il-qafas ta' politika jista' jittejjeb b'mod li jinċentiva rinnovazzjoni profonda u jgħin lil Franza tkompli żżid l-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini tagħha, b'enfasi partikolari fuq unitajiet domestiċi b'introjtu baxx.

- (36) Franza tirrappreżenta kważi 11 % tal-investment totali ta' kapital ta' riskju tal-Unjoni f'negozji ġodda u negozji li qed jespandu tat-teknoloġija klimatika. Madankollu, minkejja l-appoġġ pubbliku kbir, 29 % biss tal-kumpaniji Franċiżi żgħar investew aktar minn 1 % tal-fatturat tagħhom biex jużaw ir-riżorsi b'mod aktar effiċjenti (40 % bħala medja fl-Unjoni). Il-promoturi ta' proġetti ta' manifattura b'teknoloġija nadifa jiffaċċjaw piż amministrattiv għoli u jiffaċċjaw proċeduri twal u riskji ta' litigazzjoni. Permess tal-bini, awtorizzazzjoni ambjentali u t-twetiq ta' investigazzjoni pubblika għal proġett industrijali jdumu medja ta' 17-il xahar biex jinħarġu. Il-proċedura tinvolti restrizzjonijiet, fejn sid il-proġett irid jistenna tweġibiet minn entitajiet differenti (qorti amministrattiva, opinjoni tal-awtorità ambjentali, rapport mill-investigatur pubbliku). Barra minn hekk, trid issir konsultazzjoni pubblika għal proġetti industrijali kbar. Dan il-proċess jista' jdum mill-inqas sitt xhur, li jżid maż-żmien biex jinkiseb il-permess tal-bini, jirċievi awtorizzazzjoni ambjentali u jwettaq l-investigazzjoni pubblika. Il-proġetti ta' investment jistgħu jkunu soġġetti wkoll għal proċeduri ta' litigazzjoni li jistgħu jdumu diversi snin, li jwasslu biex il-proġetti jiġu abbandunati. Filwaqt li l-proċeduri tal-għoti ta' permessi huma meħtieġa għas-salvagwardja tal-interessi pubbliċi u privati prevalenti, jenħtieġ li dawn jiġu ssimplifikati u jitħaffu għal proġetti ta' manifattura b'teknoloġija nadifa. It-tnedija ta' proċeduri amministrattivi b'mod parallel u l-proposta ta' siti industrijali lesti għall-użu jistgħu jgħinu wkoll biex jiġi ffrankat il-ħin.
- (37) In-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-setturi u l-okkupazzjonijiet ewlenin għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż il-manifattura, l-introduzzjoni u l-manutenzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, qed joħolqu ostakli fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet zero netti. Sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja li jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu u miżuri mmirati ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid huma kruċjali biex jitnaqqas in-nuqqas ta' ħiliet u jiġu promossi l-inklużjoni u r-riallokazzjoni tax-xogħol. Biex tiġi sfruttata l-provvista tax-xogħol mhux sfruttata, dawk il-miżuri jeħtieġ li jkunu aċċessibbli, b'mod partikolari għall-individwi u fis-setturi u r-reġjuni l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika. Fl-2022, ġew irrappurtati nuqqasijiet ta' ħaddiema fi Franza għal diversi okkupazzjonijiet li kienu jeħtieġu ħiliet jew għarfien speċifiċi għat-tranżizzjoni ekoloġika, bħal tekniċi tal-ingerinerija ċivili, operaturi ta' impjanti għall-produzzjoni tal-elettriku u inġiniera professjonisti.

- (38) Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 u l-opinjoni¹⁸ tiegħu hija riflessa fir-rakkomandazzjoni (1).
- (39) Fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-kontribut kollettiv tagħhom għall-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja, il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, biex (i) jippreservaw is-sostenibbiltà tad-dejn u joqogħdu lura minn appoġġ fuq bażi wiesgħa għad-domanda aggregata fl-2023, jimmiraw aħjar il-miżuri fiskali meħuda biex itaffu l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija u jirriflettu dwar modi xierqa biex inaqqsu l-appoġġ hekk kif jonqsu l-prezzjonijiet tal-prezzijiet tal-enerġija; (ii) isostnu livell għoli ta' investiment pubbliku u jippromwovu l-investment privat biex jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali; (iii) jappoġġaw l-iżviluppi fil-pagi li jtaffu t-telf fil-kapaċità tal-akkwist filwaqt li jillimitaw l-effetti sekondarji fuq l-inflazzjoni, ikomplu jtejbu l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet; (iv) itejbu l-ambjent tan-negozju u jiżguraw li l-appoġġ għall-enerġija lill-kumpaniji jkun kosteffettiv, temporanju u mmirat lejn ditti vijabbli u li jżomm l-inċentivi għat-tranżizzjoni ekoloġika; u (v) jippreservaw l-istabbiltà makrofinanzjarja u jimmonitorjaw ir-riskji filwaqt li jkomplu jaħdmu fuq it-tlestija tal-unjoni bankarja. Għal Franza, ir-rakkomandazzjonijiet (1), (2), (3) u (4) jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' rakkomandazzjonijiet mogħtija fir-Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar iż-żona tal-euro.
- (40) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u tal-valutazzjoni tagħha, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazżjonali ta' Riforma tal-2023 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2023. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjoni (1). Il-politiki msemmija fir-Rakkomandazzjoni (1) jgħinu biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet marbuta ma' dejn għoli tal-gvern u kompetittività dgħajfa u tkabbir baxx fil-produttività. Ir-rakkomandazzjonijiet (2) u (3) jikkontribwixxu għall-indirizzar tar-rakkomandazzjoni (1). Il-politiki msemmija fir-rakkomandazzjoni (1) jikkontribwixxu kemm għall-indirizzar tal-iżbilanċi kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-Rakkomandazzjonijiet tal-2023 dwar iż-żona tal-euro, f'konformità mal-premessa 39,

¹⁸ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Franza tieħu azzjoni fl-2023 u fl-2024 biex:

1. Tnaqqas gradwalment il-miżuri urġenti ta' appoġġ fis-seħħ, u tuża l-iffrankar relatat biex tnaqqas id-defiċit tal-gvern, malajr kemm jista' jkun fl-2023 u l-2024. Jekk iż-żidiet imġedda fil-prezzijiet tal-enerġija jkunu jeħtieġu miżuri ta' appoġġ ġodda jew li jitkomplew, tiżgura li tali miżuri ta' appoġġ ikunu mmirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi u d-ditti vulnerabbli, ikunu fiskalment affordabbli, u jippreservaw l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija.

Tiżgura politika fiskali prudenti, b'mod partikolari billi tillimita ż-żieda nominali fin-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali fl-2024 għal mhux aktar minn 2.3 %¹⁹.

Tippreserva l-investment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali u tiżgura l-assorbiment effettiv tal-ġhotjiet taħt il-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari biex trawwem it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali.

Għall-perjodu lil hinn mill-2024, tkompli ssegwi strateġija fiskali fuq terminu medju ta' konsolidazzjoni gradwali u sostenibbli, flimkien ma' investimenti u riformi li jwasslu għal tkabbir sostenibbli ogħla, sabiex tinkiseb pożizzjoni fiskali prudenti fuq terminu medju.

Tkompli ttejjeb il-kundizzjonijiet ta' qafas sabiex tiffaċilita l-investment u l-innovazzjoni.

2. Tkompli l-implimentazzjoni kostanti tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha u wara l-preżentazzjoni reċenti tal-addendum, li jinkludi l-kapitolu REPowerEU, tibda malajr l-implimentazzjoni tal-miżuri relatati. Tkompli bl-implimentazzjoni mgħaġġla tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, f'komplementarjetà u sinerġija mill-qrib mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

¹⁹ Dan huwa stmat li jikkorrispondi għal titjib annwali fil-bilanċ tal-baġit strutturali ta' mill-inqas 0.7 % tal-PDG għall-2024, kif deskritt fil-premessa 24.

3. Tindirizza n-nuqqas ta' ħiliet, b'mod partikolari billi tipprovdi għażliet addizzjonali ta' taġġim ibbażat fuq ix-xogħol u żżid is-sehem ta' persuni b'ħiliet bażiċi. Tadatta r-riżorsi u l-metodi għall-ħtiġijiet tal-istudenti u l-iskejjel żvantaġġati biex is-sistema edukattiva u dik tat-taħriġ issir aktar ekwa u inklużiva. Ittejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol u t-taħriġ inizjali u kontinwu għall-għalliema.
4. Tnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili. Taċċellera l-użu tal-enerġiji rinnovabbli, b'enfasi partikolari fuq is-sorsi eoliċi, solari u ġeotermali u l-bijogass, inkluż permezz tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira u l-promozzjoni tal-awtokonsum kollettiv, u ttipromwovi t-teknoloġiji tal-ħżin relatati permezz ta' żieda fl-investment pubbliku, billi tiffaċilita l-investment privat u tindirizza l-ostakli fil-ħruġ tal-permessi. Ittejjeb aktar il-grilji tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku u ż-żieda tal-interkonnnessjonijiet transfruntiera tal-elettriku. Tkompli ttejjeb il-qafas ta' politika sabiex tinċentiva r-rinnovazzjoni profonda tal-bini u d-dekarbonizzazzjoni tas-sistemi tat-tiħin, b'enfasi partikolari fuq l-unitajiet domestiċi b'introjt baxx u fuq l-istokk tal-bini bl-inqas rendiment fl-użu tal-enerġija. Tibni ambjent regolatorju ta' appoġġ biex iżżid l-investment fil-manifattura tat-teknoloġija nadifa, inkluż billi tissimplifika u tħaffef il-permessi. Iżżid l-isforzi politiċi mmirati lejn il-forniment u l-akkwist tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President